

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* Applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea XBOXER – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 11 673 068

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-12 ta' Lulju 2018 fil-Każ R 2186/2017-5

### **Talbiet**

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata.
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

### **Motivi invokati**

- Insuffiċjenza ta' provi ta' użu prodotti mill-parti li topponi.
- Assenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni fir-rigward tax-xebh tas-sinjali kunfliġġenti.

---

## **Rikors ippreżentat fis-26 ta' Settembru 2018 – Gesamtverband Verkehrsgewerbe Niedersachsen vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-583/18)**

(2018/C 427/125)

*Lingwa tal-kawża:* il-Ġermaniż

### **Partijiet**

*Rikorrenti:* Gesamtverband Verkehrsgewerbe Niedersachsen e.V. (Hannover, il-Ġermanja) (rappreżentant: C. Antweiler, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

### **Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2018) 4385 finali tat-12 ta' Lulju 2018 dwar l-ilment tar-rikorrenti tat-28 ta' Settembru 2016 li jikkonċerna għajnuna mill-Istat – SA.46538 (2017/NN).

### **Motivi u argumenti prinċipali**

Permezz ta' dan ir-rikors, ir-rikorrenti titlob l-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2018) 4385 finali tat-12 ta' Lulju 2018 dwar l-ilment tar-rikorrenti li jikkonċerna għajnuna mill-Istat fir-rigward tad-dispożizzjoni tal-Artikolu 7 (a) tan-Niedersächsisches Nahverkehrsgesetz (il-Liġi dwar it-Trasport Lokali tal-Land ta' Niedersachsen, il-Ġermanja, iktar 'il quddiem in-“NNVG”) (Każ SA. 46538 [2017/NN]) (ĠU 2018, C 292, p. 1).

Ir-rikors huwa bbażat fuq il-motivi segwenti.

1. Nuqqas ta' notifika bħala għajnuna mill-Istat (ksur tal-Artikolu 108(3) TFUE)

Fil-kuntest tal-ewwel motiv ir-rikorrenti tallega li l-Artikolu 7(a) tan-NNVG jikkostitwixxi skema ta' għajnuna ġdida li, konformement mal-Artikolu 108(3) TFUE, kellha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni.

2. Nuqqas ta' notifika bħala regola ġenerali (ksur tal-Artikolu 3(3) tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup>)

Fil-kuntest tat-tieni motiv ir-rikorrenti tallega li l-Artikolu 7a tan-NNVG jikkostitwixxi skema awtonoma dwar il-kumpensi finanzjarji mogħtija għall-obbligi tas-servizz pubbliku li tistabbilixxi tariffi massimi għal tfal tal-iskola, studenti, apprendisti u persuni b'mobbiltà mnaqqsa u li, konformement mal-intenzjoni tal-Land ta' Niedersachsen, għandhom jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1370/2007. Dan għandu l-konsegwenza li l-Artikolu 7a tan-NNVG kellu jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 3(3) tal-imsemmi regolament.

<sup>(1)</sup> Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 1191/69 u 1107/70 (ĠU 2007, L 315, p. 1)

---

**Rikors ippreżentat fl-1 ta' Ottubru 2018 – Vins el Cep vs EUIPO – Rotkäppchen-Mumm  
Sektellereien (MIM NATURA)**

**(Kawża T-589/18)**

(2018/C 427/126)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Vins el Cep, SL (Sant Sadurní d'Anoia, Spanja) (rappreżentanti: J. Vázquez Salleras u G. Ferrer Gonzalez, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Rotkäppchen-Mumm Sektellereien GmbH (Eltville, il-Ġermanja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: Applikazzjoni għal reġistrazzjoni tat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea MIM NATURA – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 15 322 761

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-12 ta' Lulju 2018 fil-Każ R 2270/2017-1

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali joghħobha:

- tilqa' r-rikors kontra d-deċiżjoni kkontestata;
- tiddikjara d-deċiżjoni kkontestata nulla u bla effett;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motiv invokat**

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
-